RAPPORT AMMINISTRATTIV

SENA 2012-2013

1. Il-ħidma tal-Moviment kompliet qatiegħ, kellna tista tgħid laqgħa kull xahar fil-Kunsill fejn komplejna bil-planning u l-programmazzjoni tagħna. Ħarsa ħafifa lejn xi ħidmiet saljenti ta' Kana, u fosthom insemmi:

2. Il-kors ta' tħejjija għaż-żwieġ. Grazzi għall-kollaborazzjoni ta' ħafna, din is-sena introduċejna r-reviżjoni tal-kors, fejn issa qed isir fuq għaxar laqgħat. Għalhekk introduċejna manwal ġdid għal koppji mexxejja bil-malti u bl-ingliż kif ukoll booklet ġdid bil-malti u bl-ingliż għall-għarajjes. Dan kollu kien jitlob ħafna laqgħat ta' preparazzjoni, training u taħriġ. Saru diversi żjajar fil-parroċċi u ser inkompluhom. Barra minn dan il-materjal, lestejna xi materjal f'forma ta' DVD's u diġa bdejna nqassmu xi materjal awdjovisiv lill xi koppji mexxejja. Dan ser inkompluh matul din is-sena.

   Matul din is-sena kellna madwar 1250 koppja li attendew għal dan il-kors. Ta' min wieħed jgħid ukoll li din is-sena irrivedejna l-ktieb *Fuq l-għatba taż-żwieġ,* li hu l-manwal li għandu jintuża fil-laqgħat ta' tħejjija mill-qrib li jkollhom il-kappillani mal-għarajjes tagħhom. Komplejna wkoll bi training ta' koppji mexxejja ġodda fejn għandna madwar 240 koppja attivi.

3. Il-kors tal-ippjanar naturali tal-familja. Dan kompla jsir f'numru ta' parroċċi. Introduċejna wkoll booklet kulurit ġdid b'aktar informazzjoni u dettalji għall-koppji li jattendu l-kors. In-numru ta' dawk li attendew dan il-kors kien ta' madwar 90

koppja. L-għalliema tal-NFP komplew bl-ongoing training tagħhom ukoll.

4. Il-counselling. Matul din is-sena komplejna wkoll bil-hidma tagħna ma' persuni/koppji bżonn tal-counselling. Dan komplejnieh permezz ta' numru ta' counsellors u psychologists li jaghmlu ħidma tassew tajba. Matul din is-sena introduċejna wkoll is-servizz tal-family therapy fejn grupp ta' terapisti bdew joffru l-għajnuna lill-familja sħiħa. Il-counsellors tagħna komplew ukoll jirċievu *on-going* training matul is-sena wkoll. Matul din is-sena kellna madwar 450 każ ġdid li ħadu ftit inqas minn 3000 siegħa.

5. Bħala parti mill-promozzjoni tagħna taż-żwieġ komplejna bil-laqgħat ta' kull xahar tal-Gruppi Familja Nsara li jinsabu f' 52 grupp madwar Malta, bl' ammont jaqbez l-400 koppja. Hawn hekk komplejna nuzaw l-skemi pero din id-darba f'format rivedut. Saru wkoll laqgħat ta' aġġornament għal membri. Barra minn hekk komplejna ukoll b'laqgħat speċjali matul is-sena bħal dik tal-avvent, tar-randan, ta' Jum il-Familja u numru ta' laqgħat soċjali.

6. Ħidma oħra fuq din il-linja hija dik tal-grupp Jien Magħkom Dejjem. Hawn ukoll komplejna l-ħidma tagħna kemm mal-għarajjes kif appena jispiċċa l-kors kif ukoll mal-miżżewġin wara li jkunu żżewġu. It-total tal-koppji li jattendu l-laqgħat huwa ta' ftit aktar minn 50 koppja. Barra l-laqgħa ta' kull xahar ikollhom ukoll *live-ins* kif ukoll mumenti soċjali flimkien.

7. Komplejna wkoll bil-ħidma mas-separati. Dan wettaqnieh kemm ma' dawk li għadhom għaddejjin bil-process tas-separazzjoni (irgiel u nisa flimkien), kemm man-nisa għalihom kif ukoll mal-irgiel għalihom li jkunu diġa sseparaw legalment.

Ħdimna wkoll f'dan il-qasam mal-kappillani ta' diversi parroċċi biex ngħinuhom iwaqqfu gruppi ta' din ix-xorta. Il-laqgħat fid-diversi gruppi tagħna huma dejjem ta' natura terapewtika, formattiva, soċjali u reliġjuza.

8. Komplejna wkoll bil-ħidma ta' diversi support groups fosthom dik tal-Mother and Baby Club li taw sehemhom f'10 play groups madwar Malta; kellna wkoll il-ħidma tal-WAW fejn il-koppji komplew jiltaqgħu regolarment kif ukoll komplew jingħataw għajnuna terapewtika mit-terapista tal-grupp; kellna wkoll il-grupp tal-ABC, fejn dawn iltaqgħu ma' 33 omm; it-TIPS li din is-sena ltaqgħu ma' 12 –il omm li kellhom tarbija imwielda prematura kif ukoll komplew bid-donazzjonijiet tagħhom għall-isptar Mater Dei; il-grupp SANDS li ukoll komplew bil-ħidma tagħhom ma' dawk il-koppji li tilfu xi tarbija kif ukoll il-Grupp 85 ghal dawk il-persuni li huma romol rġiel u nisa li huma waħedhom. F'dan il-grupp jattendu madwar 45 persuna.

9. Minħabba l-ammont ta' spejjez, ħassejna li r-rivista *Familjakana* nibdew noħorġuha f'forma differenti permezz tal-użu tal-*website* ta' Kana. Għal dan il-għan ħloqna *website* ġdida li qed ikollha informazzjoni u artikli interessanti għal min ikun irid jaqra iżjed fuq iż-żwieġ u l-familja. Din il-*website* hija għad-dispożizzjon tal-gruppi kollha.

10. Matul din is-sena wkoll organizzajna l-quddiesa tal-miżżewġin ġodda u tal-għarajjes ma' Mons Arcisqof fil-Konkatidral ta' San Ġwann, Valletta. L-attendenza kienet tassew sabiħa u inkoraġġanti ħafna. Tajjeb nghidu li anke l-Papa beda jaghmel il-laqgħa mal-għarajjes!

11. Matul din is-sena diversi minn fostna ipparteċipaw f'numru ta' programmi fuq it-TV, fosthom il-programm Għandi xi ngħid (ma' Andrew Azzopardi), TVAM (ma' Angela Agius) u TVPM (ma' Corazon Mizzi) u pparteċipajna fuq diversi programmi tar-radju kemm fuq l-RTK kif ukoll fuq Radju Marija. Ktibna wkoll xi artikli fuq il-gazzetti fosthom għal Jum il-Familja u kellna wkoll xi intervisti; ħrigna *press release* fuq ic-*civil unions* u l-adozzjoni u pparteċipajna fil-Kumitat tal-Kamra tal-Parlament Malti li jiddiskuti d-drafts tal-ligijiet.

12. Dawn huma ftit mill-ħidmiet prinċipali tal-Moviment. Biex dan seta jitwettaq kien hemm warajh ħafna voluntiera, ħafna persuni u ħafna familji li huwa mpossibli tagħti prezz għal ħidma tagħhom. Għalhekk minn qalbi nirringrazzjahom tax-xogħol siewi li jwettqu.